**13 ta' Jannar, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Scerri

*versus*

Thomas Hedley

**Libell — "Animus Injuriandi" — Editur — Piena — Art. 3, 28 u 29 tal-Kap. 117.**

*Attribuzzjoni magħmula f'ġurnal fis-sens li persuna mpjegata mal-Gvern tieħu parti attiva fil-pulitika, meta notorjament il-Gvern ikun ħareġ ċirkulari li tipprojbixxi lill-impjegati tiegħu f'l-grad ta' dik il-persuna milli jieħdu dik il-parti, attiva, hija nġurjuża.*

*Mhix difiża tajba għall-awtur tal-publikazzjoni nkriminata dik li huwa ma kellux "animus injuriandi"; għaliex il-liġi tħares lejn in-natura nġurjuża jew le tal-publikazzjoni, u mhux lejn l-intenzjoni tal-awtur tagħha.*

*Imma jekk l-editur tal-ġurnal ikun ippublika dik l-attribuzzjoni mingħajr ma kien jaf biha, huwa suġġett għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet, u mhux tad-delitti. Huwa, b'liġi, il-persuna responsabbli għall-publikazzjoni oġġezzjonata, u, ukoll b'liġi, huwa jitqies li aġixxa xjentement (knowingly") sa prova in kuntrarju. Għar-rigward tal-prova, mbgħad, din tinkombi lilu, fis-sens illi hu għandu jagħmel il-prova li teskludi l-element tax-"scienter".*

*Salv żball tal-liġi, u salva xi raġuni partikulari u eċċezzjonali, il-Qorti tal-Appell, bħala regola, ma tindaħalx biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti għar-rigward tal-piena nflitta, ammenokkè ma jirriżultax li din kienet manifestament sproporzjonata jew oppressiva.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela fl-ismijiet fuq imsemmija, billi l-Beit Valletta u bnadijiet oħra, per mezz ta' artikolu taħt l-isem "Taking over the Union" stampat fit-tielet faċċata tan-numru taż-17 ta' Mejju 1961 fil-ġurnal "Times of Malta" (dok. A), li tiegħu l-kwerelat huwa l-editur, l-istess kwerelat inġurja lill-kwerelant billi qal li huwa membru tal-Kumitat Distrettwali Laburista tal-Ħamrun, fil-waqt li huwa, bħala mpjegat tal-Gvern, ma jistgħax ikun tali, u fil-fatt mhuwiex;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-10 ta' Novembru 1961, li biha sabet lill-imputat ħati, iżda minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ illiberatu taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 9(2) tal-Ordinanza numru XII tal-1957, billi l-kwerelat jobliga ruħu li ma jikkommettix reat ieħor għal żmien sena, u, wara li rat l-art. 23(1) tal-Kap. 117 fuq imsemmi, ordnat lill-kwerelat biex f'numru ta' wara, u mhux iżjed tard mit-tieni numru, tal-gazzetta "Times of Malta", tiġi publikata, bla ħlas, din is-sentenza nnifisha, jew sunt komprensiv tagħha, fl-ilsien tal-imsemmija gazzetta; u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-kwerelat;

Rat ir-rikors tal-kwerelat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat minn kull imputazzjoni; jew, in subordine, li tiġi mogħtija lilu l-"absolute discharge", jew almenu ridott it-terminu tal-"conditional discharge";

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-aggravji, kif speċifikati fit-trattazzjoni u verbalizzati fol. 14, huma dawn:— (1) Li l-kliem inkriminati ma kienux inġurjużi; (2) li ma jikkonkorrix l-"animus injuriandi"; (3) li l-kwerelat ma aġixxiex xjentement, u kwindi l-piena,

se maj, għandha tkun dik tal-kontravvenzjonijiet; (4) in subordine, l-appellant jitlob l-"absolute discharge" taħt l-art. 9 tal-Ord. XII tal-1957;

Ikkunsidrat, fuq l-ewwel aggravju, li l-kliem inkriminat mhuwiex inġurjuż;

Jgħid opportunament il-Carrara (Progr. Vol. III, p. 8 et seq.):— "Quando si è detto 'offesa all'onore' si è detto una formula che promiscuamente può contenere il toglimento di più e diversi beni differentissimi tra di loro, tutti connessi e contenuti in questa generica idea dell'onore...... Bisogna dunque decomporre siffatta idea......"; u l-illustri kriminalista jenumera dawn it-tliet konċetti subalterni — (a) Il sentimento della propria dignità; (b) la stima o buona opinione che altri hanno di noi; (c) la potenza inerente ad una buona opinione di procurare certi materiali vantaggi";

Minbarra l-unur, tista' tiġi offiża l-istima jew riputazzjoni; u appuntu l-Rennin, ċitat mill-Frola, "Delle Ingiurie", p. 248, jgħid:— "Colla parola riputazione si comprende pure ciò che chiamasi 'considerazione professionale', la stima, cioè, che ciascuno ha acquistato nello stato che esercita, stima che forma parte della sua fortuna che è per lui una proprietà, un capitale prezioso, che la diffamazione può evidentemente offendere senza ledere l'onoratezza, che nel suo stretto significato esprima la probità". Awtur modern, Emmanuele Pili, fit-test tiegħu "Diffamazione e Pubblica Censura", p. 61, jgħid li l-unur, minbarra l-valur morali, għandu wkoll il-valur soċjali, derivanti mill-adempiment tad-doveri;

Issa, il-kwerelant hu impjegat mal-Gvern Ċivili, u fil-publikazzjoni nkriminata jingħad, taħt it-titolu "Taking over the Union — Further Bid by Socialists", illi:— "The post of Joint Secretary is being contested between Mr. J. Borg Bonello and Mr. J. Scerri. The latter is a member of the Labour Party District Committee";

Hi ħaġa ta' dominju publiku u li għalhekk tista' tiġ "judicially noticed", (u del resto ssemmiet fit-trattazzjoni)

illi l-Gvern kien dan l-aħħar emana ċirkulari li biha ġie projbit lil ċerti "grades" tas-Civil Service li jieħdu parti attiva fil-politika. Anzi, apparti din iċ-ċirkulari, l-opinjoni ġenerali fil-pajjiż tagħna hija li, peress li ma hux xieraq li l-fiduċja tal-publiku fl-imparzjalità tas-Civil Service tiġi b'xi mod menomata, għalhekk l-attività politika tal-impjegat tal-Gvern mhijiex kompatibbli, bħala regola, mas-servizz publiku. Del resto, hu ovvju li, in linea di massima, sabiex impjegat taċ-Ċivil jista' jagħti, u jista' għas-sodisfazzjon tal-publiku jidher li qed jagħti, servizz leali u effiċjenti lill-Gvern li jkun fil-poter, ikun dan liema jkun, jeħtieġ li hu ma jkunx jokkupa ruħu f'attivitajiet politiċi, u jeħtieġ li jkun żamm ċerta riżerva fl-affarijiet tal-pulitka, u jkun astjena minn kull manifestazzjoni publika tal-"credo" tiegħu politiku, li tista', b'xi mod, tassoċjah prominentement ma' xi partit politiku;

Minn dan kollu jidderiva illi n-notizzja nkriminata kienet inġurjuża, għaliex mhux biss timplika li l-kwerelat wera ruħu non kuranti tad-direttivi tal-Gvern, imma anki tilledi dik li tissejjaħ "il-konsiderazzjoni personali" tiegħu bħala mpjegat tal-Gvern; anki fis-sens li dik l-imputazzjoni tista' tesponieh għar-riskju, sija pure potenzjali, li ma jikkonsegwixxix dawk il-vantaġġi ta' karriera u ta' promozzjoni li jistgħu talvolta jiġu negati lill-impjegat ritenut rikalċitranti għad-direttivi tal-Gvern, jew lill-impjegat sfiduċjat ma' Gvern li ma jkunx ta' dak il-kulur politiku li jkun ġie attribwit lill-impjegat bl-imputazzjoni ta' attività politika mill-parti tiegħu favur partit ieħor;

Għalhekk, l-ewwel aggravju ma hux attendibbli;

Dwar it-tieni aggravju, li ma hemmx l-"animus injuriandi";

Għal dan l-aggravju jirrispondi l-Odgers (On Libel and Slander, p. 5), fejn jgħid:— "That unfortunate word 'malice' has got into cases of action for libel. We all know that a man may be the publisher of a libel without a particle of malice or improper motive ...... Take the case where a person may make an untrue statement of a man in writing ...... he would be liable, although he had not a particle of

malice against the man". U jgħid ukoll, p. 109;— "He may have had no intention of injuring the plaintiff's reputation, but if he has in fact done so he must compensate the plaintiff". U fil-paġ. 341 ikompli jirribadixxi:— "The law looks at the tendencies and the consequences of the publication, not at the intention of the publisher";

Ara wkoll fl-istess sens il-Gatley (On Libel and Slander, p. 584) fejn jgħid:— "When malice must be proved to establish a 'prima facie' case, the plaintiff need only prove that the defendant has published defamatary words concerning him. The defendant's intention or motive is immaterial, except on the question of damages";

Tal-istess parir hu l-Folkard, The Law of Slander and Libel, pp. 292-293:— "If an individual, unauthorised publishes reflections on a man's character and injury results from the publication, the law does not step to enquire into his motives; malice in such a case being an inference of law";

L-istess jopinaw l-awturi O'Sullivan and Brown, The Law of Defamation, 1958 edit., pp. 41-42; kif ukoll l-awturi Nickson and Carter-Ruck, li fit-test tagħhom "The Law of Libel and Slander" jissintetizzaw l-aspett ġuridiku inċiżivament bil-kliem:— "...... libel does not depend upon the intention of the defamer, but on the fact of the defamation" (p. 46);

Għalhekk, dan it-tieni lment hu wkoll infondat;

Dwar it-tielet motiv, li l-kwerelat ma aġixxiex xjentement:—

Dan hu evidentement bażat fuq l-art. 29 tal-Kap. 117 Ediz. Riv. li jgħid hekk:— "The editor or printer of a newspaper, who shall not have acted knowingly, shall be liable to the punishment of contraventions";

Il-provi f'dan il-proċess jikkonsistu biss fix-xhieda tal-kwerelat: u f'din is-sede tal-appell id-difensur tal-kwerelat (verbal fol. 14) għamel riferenza espressa għan-notament ta' dik ix-xhieda li żamm il-Maġistrat fol. 7;

Min dik ix-xhieda ma jirriżultax li l-kwerelat ma kienx jaf bil-publikazzjoni nkriminata, imma jirriżulta biss illi, malli ġiet attirata l-attenzjoni tiegħu li l-fatt publikat ma kienx veru, hu ħa l-passi biex jagħmel l-aċċertamenti meħtieġa, u fin-numru tat-"Times of Malta" tal-ewwel ta' Ġunju 1961 (ħmistax il-ġurnata wara l-publikazzjoni denunzjata) ippublikat l-iżmentita tagħha. Jiżdied li fit-8 ta' Awissu 1961 il-kwerelat kien ukoll ippublika resumè komprensiv tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża magħmula wkoll mill-kwerelat odjern kontra l-editur ta' ġurnal ieħor, u deċiża favur l-istess kwerelant, li l-meritu tagħha k'enet l-istess imputazzjoni tal-lum (fol. 5 u 5 tergo);

Issa, l-ewwelnett, il-kwerelat hu l-editur tal-ġurnal fejn dehret il-publikazzjoni oġġezzjonata, u bħala tali hu, b'liġi espressa (ara art. 3 Kap. 117), il-persuna responsabbli għall-publikazzjonijiet kontemplati fl-istess liġi. It-tieni, b'liġi hu jitqies li aġixxa "knowingly" sa prova in kuntrarju (art. 28 ibidem);

Għandu jiġi rilevat li ma hemm ebda dikjarazzjoni fix-xhieda tal-kwerelat fis-sens li hu ma kienx jaf bil-publikazzjoni in parola meta dehret. S'intendi fil-każ ta' editur, li hu appuntu l-bniedem li jikkontrolla l-kontenut tal-ġurnal, dikjarazzjoni simili, 'sic et simpliciter", lanqas kienet tista' talvolta tkun faċilment atteża, mingħajr xi prova supplementari li hu ma kienx jaf minħabba xi ċirkustanza eċċezzjonali, bħal li kieku kien imsiefer jew marid, u li kien hemm ħadd ieħor bħala "locum tenens" tiegħu u assumenti minfloku r-responsabbiltà tal-publikazzjonijiet fil-ġurnal. Imma, komunkwe, lanqas dik id-dikjarazzjoni ma hemm. "Ergo", fin-nuqqas ta' prova in kuntrarju, il-liġi tirritjeni li hu aġixxa "knowingly"; għax għall-"malice in law" biżżejjed, kif ingħad, il-fatt tal-publikazzjoni denigratorja, u salv li "in civilibus" il-bwona fede jekk pruvata, titqies għall-ammont tad-danni, u "in criminalibus" titqies fl-entità tal-piena, meta tkun inflitta piena, u salvi każijiet speċjali ċħrajn hekk imsejħin ta' "privilege";

Forsi l-kwerelat qiegħed jinvoka d-dispost tal-art. 29 fuq imsemmi minħabba li meta ġie nfurmat li l-publikaz-

veru, kien sollecitu li jirrettifikaha, u minn hekk il-kwerelat jargumenta l-bwona fede tiegħu, u kwindi jeskludi l-operazzjoni tal-kelma "knowingly". Imma fil-kriminal il-pożizzjoni mhijiex, in linea di massima, bħal ma hi fiċ-ċivil (ara, għall-libelli ċivili, is-sentenza "Dr. Masini vs. Dr. Bartolo", mogħtija mill-Qorti tal-Appell, Sed. Sup. 5 ta' Ottubru 1928); u barra minn hekk, ebda fatt 'ex post" (kif kien innota l-Imħallef sedenti li allura kien jippresjedi fil-Prim'Awla Qorti Ċivili in re "Strickland vs. Chretien", minnu deċiża fis-7 ta' Jannar 1936) ma jista' jirretroaġixxi fuq il-grad ta' responsabbiltà fil-waqt tal-publikazzjoni. Ir-rettifika tista' tkun element fiċ-ċivil, għall-mitigazzjoni tad-danni, u fil-kriminal tal-piena, meta jkun hemm. Del resto, ma jidherx li kien diffiċli għall-kwerelat li jivverifika l-fatti "ab origine", ċjoè fl-okkażjoni tal-publikazzjoni nkriminata; għaliex, meta aktar tard il-kwerelat ġie nfurmat li l-kwerelant kien irriżenta l-publikazzjoni, il-kwerelat għamel l-indaġini meħtieġa b'mod li l-għada stess kien fi grad li jippublika l-iżmentita; u kwindi hu leċitu li wieħed jikkonkjudi li dawk l-istess indaġini setgħu saru bl-istess riżultat fl-okkażjoni tal-ewwel publikazzjoni libelluża;

Per konsegwenza, ġa ladarba l-element tax-"scienter" ma ġiex eskluż, anki dan it-tielet gravam hu bla bażi;

Kwantu għad-deduzzjoni subordinata, tal-"absolute discharge";

Din il-Qorti kellha diversi okkażjonijiet biex tgħid li, bħala regola, salv żball tal-liġi kwantu għall-piena, u salva xi raġuni partikulari u eċċezzjonali, hija ma tindaħalx biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti għar-rigward tal-piena nflitta, ammenokkè ma jirriżultax li din kienet manifestament sproporzjonata jew oppressiva. Il-veduta ta' din il-Qorti, kif presjeduta, hi konformi għall-prinċipji tal-ġurisprudenza ngliża, u barra minn hekk tirpoża fuq il-prinċipju loġiku u san li l-kwistjoni ma għandiex tkun proprjament x'piena kien jagħti l-ġudikant tal-appell kieku ddeċieda huwa l-kawża in prima istanza, għax il-kriterju personali u soġġettiv jista' jvarja, imma l-kwistjoni hija pjuttost jekk il-piena nflitta, oġġettivament, hijiex, kważi "ictu oculi", barra mill-proporzjon jew eċċessiva, jew oppressiva,

Issa, dan il-prinċipju japplika ugwalment għall-każ meta f'lok il-piena, bħal f'dan il-każ, jiġi adottat mill-Ewwel Qorti xi provvediment ieħor. Din il-Qorti fil-każ preżenti ma tara xejn f'dak il-provvediment li jinduċiha tvarjah in bażi għar-regola fuq enunċjata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti t'ddeċidi b'lli tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, kompriż l-ordni tal-publikazzjoni. L-ispejjeż jibqgħu għall-kwerelat. Id-drittijiet tad-difensuri jkunu tassabbli "uti infra":— Seduta 2.xii.61 tnax il-xelin; seduta tal-lum għaxar xelini.